MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1160/2002

**Anna Restuccia**

**vs**

**Dr. Richard Sladden u l-P.L. Veronica Rossignaud li b'digriet tal-31 ta' Ottubru 2002 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Italo Restuccia.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 17 ta' Ottubru 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi b'sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-17 ta' Frar 2000 fl-ismijiet *"Anna Maria Restuccia vs Avukatessa Joselle Galea u l-Prokuratur Legali Paul Saliba, kuraturi deputati nominati u mahtura b'digriet tas-*

*Sekond' Awla tal-Qorti Civili moghti fis-17 ta' April 1997 sabiex jidhru ghall-assenti Italo Restuccia, u sussegwentement, l-Avukat Dr. Ian Spiteri Baliey b'digriet ta' din il-Qorti tal-31 ta' mejju 1999 gie nominat bhala kuratur minflok Dr. Joselle Galea" (1617/97/RCP),* gie xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti.

Illi *stante* n-nuqqas ta' provi tal-konsistenza ta' tali komunjoni, din l-Onorabbli Qorti presupponiet li l-imsemmija komunjoni ma kienet tikkonsisti f'xejn u ghaldaqstant ma assenjat xejn lill-ebda parti.

Illi effettivament il-komunjoni ta' l-akkwisti kienet tikkonsisti, fost l-ohrajn fi proprjeta' mmobbli, tant li s-sentenza tikkontempla li *"dar taz-zwieg tigi okkupata esklussivament mill-attrici ad eskluzjoni tal-konvenut sabiex fiha tkompli tghix l-attrici".*

Illi *inoltre* fis-sentenza hawn citata din l-Onorabbli Qorti applikat kontra l-konvenut interament id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** u dan *stante* illi z-zwieg tkisser irremedjabbilment htija ta' l-istess konvenut, bl-ispejjez kontra l-istess konvenut komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili.

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet li din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

(1) Tillikwida, tiddividi u tassenja lill-kontendenti f'dak il-porzjon u b'dawk il-modalitajiet li jigu stabbiliti minn din il-Qorti, l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, liema komunjoni giet xolta permezz tas-sentenza hawn fuq citata.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista ta' xhieda a fol. 4 tal-process.

Rat l-atti ghan-nomina tal-kuraturi deputati minn fol. 5 sa fol. 13 tal-process.

Rat id-digriet ta’ l-affidavits tal-partijiet datat 6 ta’ Jannar 2003.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati datata 27 ta’ Jannar 2003 a fol. 19 tal-process fejn gie eccepit:-

(1) Illi l-eccipjenti m’humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri, meta jikkomunikaw mal-konvenut.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati a fol. 20 tal-process.

Rat il-lista ta’ xhieda u l-elenku ta’ dokumenti esebiti a fol. 21 sa fol. 22 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tal-11 ta’ Marzu u 13 ta’ Mejju 2003 fejn il-kawza giet kancellata.

Rat ir-rikors datat 19 ta’ Mejju 2003 sabiex l-kawza tigi riappuntata, u d-digrieti sussegwenti tal-20 ta’ Mejju 2003 u tas-17 ta’ Gunju 2003.

Rat in-noti attrici datati 16 ta’ Gunju 2003 fejn l-attrici pprezentat l-affidavit taghha datat 16 ta’ Gunju 2003 a fol. 31 sa fol. 43 tal-process, u l-affidavit ta’ Father George Vassallo datat ukoll 16 ta’ Gunju 2003 a fol. 44 sa fol. 45 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduti tal-4 ta’ Novembru 2003 u 14 ta’ Jannar fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Novembru 2004.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia datati 12 ta’ Dicembru 2003 fejn xehdet l-attrici in kontro-ezami, u s-seduta tat-12 ta’ Jannar 2004

fejn xehdu Father Victor George Vassallo u l-Prokuratur Legali Noel Scerri.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet isseparaw b'sentenza ta' din il-Qorti datata 17 ta' Frar 2000 fl-ismijiet **"Anna Maria Restuccia vs Av. Joselle Galea et nomine"** fejn il-konvenut assenti gie misjub responsabbli ghall-istess separazzjoni minhabba sevizzi, ingurji gravi u abbandun tieghu fil-konfront ta' l-attrici u gew applikati kontra tieghu d-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16.**

Illi jirrizulta li fl-istess kawza ma ngabet l-ebda prova dwar l-konsistenza tal-komunjoni ta' l-akkwisti u ghalhekk l-istess komunjoni ta' l-akkwisti effettivament ma gietx likwidata u diviza – in effetti jirrizulta llum permezz ta' din il-kawza li l-istess komunjoni ta' l-akkwisti tikkonsisti fil-fond "Carann" Flat 1, Triq is-Sur Fgura, li jidher li wara trattattivi bejn il-partijiet il-konvenut ma ried xejn minnha dment li l-istess attrici ma titlobx manteniment minghandu. Jidher li minhabba dan l-attrici fil-kawza ta' separazzjoni rtirat it-talba taghha ta' manteniment, pero' minhabba nuqqas ta' provi dwar il-komunjoni ma nghata l-ebda provvediment dwar l-istess dar.

Illi dan kollu jirrizulta anke mix-xhieda tal-Prokuratur Legali Noel Scerri datata 13 ta' Jannar 2004, u din il-Qorti bilfors trid taghmel riferenza ghas-sentenza ta' separazzjoni bejn il-partijiet sabiex tiddeciedi din il-kawza. Mill-istess kawza jidher car li l-istess konvenut abbanduna lill-attrici. Jidher ukoll li huwa ghandu l-obbligu ta' manteniment *verso* martu skond il-ligi, izda li ovvjament minn mindu abbandunaha huwa qatt ma mantniha, u anke jidher li ser ikun difficli sabiex jaghmel dan; Dan apparti li meta l-istess konvenut telaq minn Malta ha l-flus kontanti li kien

hemm tal-partijiet u l-attrici kellha thallas l-ammont ta' elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1,500) bhala taxxa li kienet dovuta hawn Malta mill-konvenut ghaz-zmien li kien jahdem hawn Malta.

Illi apparti dan jidher li l-partijiet kienu qablu li l-attrici ma tinsistix ghall-manteniment, filwaqt li min-naha tieghu l-konvenut ma jinsistiex ghal sehmu mill-istess immobbli. Fil-fatt gie mhejji abbozz f'dan is-sens, li pero' qatt ma gie ffirmat. Dan kollu gie kkonfermat mix-xhieda prodotti f'din il-kawza, inkluza dik ta' Father Victor George Vassallo u l-Prokuratur Legali Noel Scerri.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi din il-Qorti fl-ewwel lok tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet u tiddikjara li din tikkonsisti fil-fond *"Carann", Flat 1, Triq is-Sur, Fgura*. Fit-tieni lok in vista tas-sentenza gja' moghtija bejn il-partijiet u fuq citata, din il-Qorti tapplika wkoll d-dispozizzjoni ta' l-**artikolu 54 (6) tal-Kap 16** u allura tassenja l-fond *"Carann" Flat 1, Triq is-Sur, Fgura* lill-attrici, u dan *per saldo* ghal kull dritt ta' manteniment spettanti lill-attrici kontra l-konvenut, inkluz kull dritt ta' arretrati ghall-istess. Fl-ahharnett tassenja lil kull parti dak kollu li attwalment jinsab fil-pussess taghha jew tieghu.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet u tiddikjara li din tikkonsisti fil-fond *"Carann" Flat 1, Triq is-Sur, Fgura*, u fit-tieni lok in vista tas-sentenza gja' moghtija bejn il-partijiet u fuq citata, din il-Qorti tapplika wkoll d-dispozizzjoni ta' l-**artikolu 54 (6) tal-Kap 16**, u allura tassenja l-fond *"Carann", Flat 1, Triq is-Sur, Fgura* lill-attrici, u dan *per saldo* ghal kull dritt ta' manteniment spettanti lilha kontra l-konvenut, inkluz kull dritt ta' arretrati

ghall-istess. Fl-ahharnett tassenja lil kull parti dak kollu li attwalment jinsab fil-pussess taghha jew tieghu llum.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati mill-attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------